VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20, 072, 19 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 339 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Istudji u l-Prattika għar-Riżoluzzjoni ta' Konflitti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru għall-Istudji u l-Prattika għar-Riżoluzzjoni ta' Konflitti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut taċ-Ċentru, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Istudji u l-Prattika għar-Riżoluzzjoni ta' Konflitti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru għall-Istudji u l-Prattika għar-Riżoluzzjoni ta' Konflitti;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru għall-Istudji u l-Prattika għar-Riżoluzzjoni ta' Konflitti; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2018 'il quddiem.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Grad ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Master ikklassifikat b'Għadda b'Mertu (jew l-ekwivalenti) fil-qasam tal-Conflict Resolution, fid-Diplomazija, fil-Liġi, fil-Politika, jew fir-Relazzjonijiet Internazzjonali jew f'qasam relatat ieħor. Fil-każ ta' applikanti li għandhom grad ta' Master's minn din l-Università jew minn università oħra, fejn mhux possibbli li tiġi determinata l-ekwivalenza ta' Għadda b'Mertu, il-Bord jista jiddetermina proċeduri *ad hoc* biex tiġi stabbilita din l-ekwivalenza.

4. Meta l-Bord iqis li hu neċessarju, jista' jeħtieġ lill-istudenti biex itemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju matul l-istudji tagħhom, u / jew iwettqu xi xogħolijiet rakkomandati mill-Bord, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

5. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inklużi s-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll juru l-kompetenza tagħhom fil-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat

6. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat li jkun magħmul kif ġej:

Iċ-Chairman taċ-Ċentru
Id-Direttur taċ-Ċentru, jew delegate, u
Membru tal-Istaff Akkademiku.

Il-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat jista' jikkooptja membri oħra minn Fakultajiet, Istituti jew Ċentri li għandhom kwalifiki akkademiċi tad-dottorat, jekk iqis neċessarju.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

7. Is-Superviżuri Prinċipali u l-Ko-Superviżuri, fejn applikabbli, huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat, kull Ġunju għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom.

8. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Supervisory Team tagħhom juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

VERŻJONI ELETTRONIKA

9. Il-bord *ad hoc*, li għandu jikkunsidra t-talba tal-istudenti għat-trasferiment mill-M.Phil. għall-Ph.D., għandu jkun maħtur mill-Bord skont ir-Regolamenti Prinċipali.

10. L-istudenti reġistrati fiċ-Ċentru jistgħu jkunu meħtieġa jipparteċipaw fil-programmi tar-riċerka u tagħlim taċ-Ċentru.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

11. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni l-istudenti għandhom ikunu nfurmati li huma għandhom jażvaw liċ-Ċentru li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

12. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

13. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida rigward il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

14. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura tat-teżi tagħhom għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat miċ-Ċentru għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) L-istudenti jistgħu jippubblikaw it-teżi tagħħhom jew parti minnha qabel ma jissottomettuha għall-eżami. Dan ix-xogħol ippubblikat jista' jkun inkluż aktar tard fit-teżi li tiġi sottomessa għall-eżami, sakemm tiġi inkluża dikjarazzjoni dwar dan.

(3) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu liċ-Ċentru żewġ kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali, li għandhom jinkludu dikjarazzjoni ta' awtentiċita ffirmata, fi żmien sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat tagħhom. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm fil-Librerija taċ-Ċentru. Il-verżjoni elettronika għandha tkun konformi mal-livelli mitluba mill-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.